KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 359**

**It-Tnejn 6 t' Awwissu, 2018**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi, fis-sitta ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr Alessia Psaila Zammit –Sindku
Is-Sur Julian Borg – Vici Sindku
Dr Mark Anthony Vassallo - Kunsillier
Is-Sur Domenic Grech – Kunsillier
Is-Sur Clayton Cutajar – Kunsillier
Is-Sur Nicholas Cassar – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3)):**
Is-Sra. Gillian Farrugia Pace – Kunsilliera

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sra. Ritienne Giorgino – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Dr Alessia Psaila Zammit ppresidiet il-laqgħa.

**359.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

359.1.1 Is-Sindku qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace.

**359.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

359.2.1 Inqraw il-minuti tas-Seduta numru 358.

**Punti li joħorġu mill-Minuti**

359.2.2 358.3.5 Is-Sindku staqsiet jekk l-Uffiċċju rċeviex il-work plan li talab lill-Kuntrattur. Id-Deputat Segretarju wieġbet fin-negattiv. Is-Sindku qalet li kienu saru xi xogħlijiet minn meta l-kuntrattur iltaqa' mal-Kunsilliera iżda xorta waħda kien qed ikun hemm dewmien żejjed. Is-Sindku qalet li għandu jerġa jintalab workplan u l-kuntrattur għandu jindika meta se jlesti x-xogħlijiet.

359.2.3 358.3.5 Il-Viċi Sindku propona li ssir proposta lil TM għal 'traffic calming measures' fi Triq ta' San Niklaw.

359.2.4 358.7.1 Rigward aġġudikar ta' tenders, is-Sindku qalet li f'laqgħa mad-Direttur tal-Kunsilli Lokalim is-Sur Adrian Mifsud, ġie indikat li kien hemm bdil fil-Procurement Regulations fis-sens li membri tal-Kunsill jistgħu jinħatru membri tal-Bord ta' l-Għażla. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jaħtar 'pool' stand-by ta' esperti f'diversi oqsma f'kas li l-Kunsill ikollu bżonn pariri fuq tenders. Is-Sindku talbet li jiġu konsultati bidliet f'dawn ir-regolamenti u l-Kunsill qabel li l-Kunsilliera fil-Bord tal-Għażla jkunu, is-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Minority Leader.

359.2.5 358.12.1 Is-Sindku staqsiet jekk kienx hemm xi żviluppi fuq dan l-ilment. Il-Viċi Sindku qal li minn informazzjoni li għandu, il-binja kienet għaddiet għand diversi sidien. Is-Sindku talbet biex jiġi evitat iktar dewmien u peress li hemm periklu, tinġieb stima għat-tiswija tal-imsemmija bankina. Sadanittant, il-Kunsill Lokali għandu jikteb lill-kuntrattur responsabbli, dejjem jekk dan jiġi individwat.

359.2.6 Is-Sindku pproponiet li l-minuti tal-laqgħa numru 358 ikunu approvati bħala korretti. Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**359.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

359.3.1 Is-Sindku ġabet għall-attenzjoni tal-membri Ċirkulari Numru SPI7/2018/I rigward **Regolamenti Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (il-*GDPR*) vis-a-vis id-dettalji ta' ċittadini fil-minuti tal-laqgħat**. Hija talbet lill-Kunsilliera ikunu kawti meta jirreferu għal ilmenti waqt il-laqgħat, u dettalji għandhom jgħaddu direttament lis-Segretarju Eżekuttiv. Kopja ta' din iċ-Ċirkulari ġiet mibgħuta lil kull Kunsillier.

359.3.2 Is-Sindku preżentat talba mingħand 'LetsdoitMalta' rigward attivita' ta' tindif fil-lokalita' fil-15 ta' Settembru 2018. L-organizzaturi qed jitolbu l-għajnuna tal-Kunsill billi jiprovdi għall-ġbir ta' skart li jkun inġabar. Il-Kunsill approva li jiprovdi l-għajnuna meħtieġa għal din l-inizjattiva, u ġie ddelegat il-Kunsillier Dominic Grech, bħala Kunsillier inkarigat mit-Tindif, sabiex jikkoordina mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

359.3.3 Is-Sindku infurmat li l-Kunsill kien ser jissottometti l-applikazzjoni għal għajnuna għal-librerija tal-lokal skond Ċirkulari Numru SPI 9/2018 - Skema Finanzjarja favur il-Komunità - Libreriji Lokali/Reġjonali. L-iskema tiffinanzja 50% tal-ispiża sa massimu ta' €600 (inkluża l-*VAT)* u tkopri xogħlijiet jew xiri ta' apparat jew servizzi. Wara konsultazzjoni mal-librara, kien qed jiġi ssuġġerit, li l-applikazzjoni tkun għall-installazzjoni ta' sistema ta' arja kkundizzjonata fil-librerija. Is-Sindku qalet li intalbu stimi u l-ispiża totali ma għandhiex tkun ta' aktar minn €1200. Hija talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill għal spiża ta' nofs l-ammont, massimu ta' €600.

Il-Kunsill unanimament approva.

**359.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

359.4.1 Il-Viċi Sindku propona tabelli VMS li jindikaw il-veloċita' tal-vettura fi Triq Mons Mikiel Azzopardi. Is-Sindku qalet li għandha ssir applikazzjoni għall-fondi tal-inizjattiva Grant for Permanent Sustainable Mobility Measures (European Mobility Week) għal dawn it-tabelli VMS u għall-proposti għal aktar sigurta' fi Triq Dun Manwel Zammit. L-applikazzjonijiet jgħalqu fl-24 t'Awwissu u l-Kunsill qabel b'mod unanimu li jssottometti l-applikazzjoni.

Il-Kunsillieri Dominic Grech talab li jiġi skużat fis-7.15pm

**359.5 Rapport tal-Kumitat tal-Għażla għall-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv Ġdid**

359.5.1 Id-Deputat Segretarju talbet li toħroġ mil-laqgħa minħabba li kienet applikanta għall-vakanza ta' Segretarju Eżekuttiv.

359.5.2 Is-Sindku spjegat li b'kollox kienu ġew ippreżentati lill-Kunsill ħames (5) applikazzjonijiet għall-vakanza ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill. Hi spjegat li l-Bord sab li waħda (1) mill-applikanti ma kienetx eliġibbli peress li isimha ma kienx fil-lista ta' Segretarji Eżekuttivi Prospettivi pprovduta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Is-Sindku spjegat li b'kollox il-Bord tal-Għażla kien intervista erba' (4) applikanti. Hi qalet li l-Bord tal-Għażla kien ħejja r-rapport tal-ħidma tiegħu li tinkludi l-ordni tal-mertu. Is-Sindku ppreżentat kopja tar-rapport tal-ħidma tal-Bord tal-Għażla lill-membri tal-Kunsill. Is-Sindku qalet li skont l-ordni tal-mertu, is-Sra Ritienne Giorgino kienet ġiet l-ewwel b'marka ta' 84. Hi għalhekk ipproponiet li l-Kunsill japprova l-ħatra tas-Sra Ritienne Giorgino bħala Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi.

Il-Kunsillier Clayton Cutajar issekonda. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

Id-Deputat Segretarju intalbet lura għal laqgħa.

**359.6 Diskussjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju b'rabta mat-tieni kwart tas-sena 2018.**

359.6.1 Is-Sindku talbet lill-accountant jagħti spjega tar-Rapport Finanzjarju għat-tieni kwart tas-Sena 2018. Is-Sindku staqsiet lill-Kunsilliera jekk kellhomx xi mistoqsijiet dwar dan. Hija talbet lill-Kunsill japprova r-rapport kif preżentat. Il-Kunsill approva r-rapport unanimament.

359.7 **Diskussjoni u approvazzjoni tal-Pjan Finanzjarju għat-tlett snin li ġejjin**

359.7.1 Is-Sindku talbet lill-Accountant jagħmel preżentazzjoni tal-Pjan Finanzjarju għat-tlett snin li ġejjin.

Is-Sindku qalet li flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv u l-Accountant tal-Kunsill kellha laqgħa mad-Direttur fejn ġie preżentat il-proġett tan-Night Shelter, flimkien mat-3 year Business Plan (2018-2020). Is-Sindku infurmat li d-Direttur ta l-approvazzjoni tiegħu li l-Kunsill Lokali jagħmel il-proġett ta' Night Shelter. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsilliera li għalhekk kienu ser jinħarġu tenders għall-kostruzzjoni tan-Night Shelter u xogħlijiet ta' finishing.

Il-Kunsillier Clayton Cutajar staqsa jekk it-tender tal-proġett jinkludix Climate Control System. Hija qalet li l-Perit tal-Kunsill kien diġa ġie gwidat biex jinkludi is-sistema ta' arja kundizzjonata bil-BOQ.

Is-Sindku talbet lill-Kunsill japprova it-3 year business plan kif preżentat. Il-Kunsill unaniment approva.

**359.8 Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

359.8.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvillup fis-Siġġiewi.

**359.9 Rapport tal-korrispondenza**

359.9.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ppreżentat r-rapport tal-korrispondenza li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**359.9.2** Il-Kunsillier Cutajar informa li b'referenza għall-korrispondenza dwar 'Free Scientific Contribution to the Siggiewi Community from EGEA's Scientific Congress 2019', qed jikkoordina ma' l-organizzaturi għall-parteċipazzjoni tal-Kunsill f'dan il-Kungress. Huwa qal li ser ikun qed iżomm lill-Kunsill aġġornat bl-andament.

**359.10 Rapport tal-ilmenti**

359.10.1 Id-Deputat Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**359.11 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa.**

359.11.1 Il-Viċi Sindku qal li rċieva ilmenti minħabba żewġ skips kbar li tpoġġew fi Triq il-Knisja l-Qadima minħabba xogħol ta' kostruzzjoni fl-istess triq. Peress li t-triq hija dejqa u traffikuża, dawn ħolqu ostaklu peress li għalqu karreggata. Il-Viċi Sindku propona li fil-permess il-Kunsill jesieġi li l-qies ta' l-iskips ma jkunx jaqbeż il-qies ta' parking bay, u li l-iskips ma jiġux imbattla fil-'peak hours tat-traffiku.

359.11.2 Il-Viċi Sindku qal li s-sinjal direzzjonali fi Triq il-Knisja l-Qadima kantuniera ma' Triq l-Imqabba iċċara kompletament u propona li jinbidel.

359.11.3 Il-Viċi Sindku qal li hemm bżonn refreshing ta' sinjali (road markings) fit-tarf ta' Triq Nikola Saura ma' Triq Mons Mikiel Azzopardi.

359.11.4 Il-Kunsillier Clayton Cutajar qal li għalkemm fil-bypass hemm speed camera, kien għad hemm żoni fejn qed iseħħu numru ta' nċidenti.

359.11.5 Is-Sindku qalet li hemm diversi issues pendenti mat-TM u jeħtieġ li tisejjaħ laqgħa ħa naraw fhiex waslu.

359.11.6 Il-Kunsillier Cutajar qal li hemm uħud mid-dwal mal-barrikati tal-konkos fi Triq l-Imqabba mhux jixgħelu jew imkissra. Huwa talab li jitranġaw mill-iktar fis minħabba periklu.

359.11.7 Il-Kunsillier Nicholas Cassar qal li diversi residenti semgħu fuq media lokali li qed jitqassmu boroż tar-riċiklaġġ b'xejn minn ċertu Kunsilli u qed jistaqsi jekk il-Kunsill tagħna hux ser jagħti boroż. Is-Sindku spjegat li dawk il-Kunsilli għandhom Kuntratt ma' kuntrattur differenti, pero ser tinżamm in kunsiderazzjoni meta jiġi żmien għal ftehim ġdid.

359.11.8 Il-Kunsillier Clayton Cutajar staqsa jekk il-Kunsill qattx irċieva proposta biex isir punt tar-roti mill-Kumpanija Nextbike, biex individwu jkun jista jikri rota, jużaha u jħalliha f'punt ieħor. Din tista tkun ta' vantaġġ għal min per eżempju jieqaf fil-Pjazza u jkun irid jinżel fil-bajja ta' Għar Lapsi jew xi żona fil-kampanja tas-Siġġiewi. Is-Sindku qalet li qatt ma kien hemm l-ebda proposta simili u talbet lill-Kunsillier Cutajar iġib iktar informazzjoni fuq din l-iskema.

359.11.9 Is-Sindku qalet li ġiet infurmata mill-Perit tal-Kunsill li l-PA talbet pjanti ġodda għad-disinn tal-Proġett ta' Għar Lapsi biex ikunu salvagwardjati is-siġar eżistenti.

359.11.10 Il-Viċi Sindku Julian Borg qal li b'referenza għar-risk assessment ta' festa għeneb, qed tiġi mistħarrġa l-possibilita' mas-Safety Officer sabiex it-tfal ikunu jistgħu jipparteċipaw ukoll f'din l-attrazzjoni.

**359.12 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

359.12.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskeda tal-pagamenti. Is-Sindku pproponiet li l-pagamenti jkunu approvati mill-Kunsill. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**359.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

359.13.1 Il-laqgħa intemmet fid-8.00p.m. u s-Sindku pproponiet li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill issir nhar it-Tnejn 3 ta' Settembru 2018 fis-6.00p.m. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Konfermati, illum 3 ta' Settembru 2018.

Dr Alessia Psaila Zammit
Sindku

Ritienne Giorgino
Deputat Segretarju Eżekuttiv